MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Gunju, 2004

Appell Kriminali Numru. 17/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Patrick Mangion**
**u**
**Eleno Bezzina**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra l-imsemmijin Patrick Mangion u Eleno Bezzina:

Talli fid-19 ta' Settembru 2000 u f'dati precedenti, gewwa Santa Venera u fi bnadi ohra, ghamlu falsifikazzjoni fuq biljetti tal-Lottu Pubbliku, illi meta jigu prezentati wiehed jista' jircievi bihom hlas, jew jiehu l-kunsinna ta' oggetti, jew jigbor depozitu jew rahan minn ufficcju pubbliku, jew minn bank jew stabbiliment pubbliku iehor imwaqqaf jew

maghruf b'xi att pubbliku tal-Gvern, jew aktar xjentement ghamlu uzu mill-istess biljetti hekk falsifikati. Dan bi ksur ta' l-Artikoli 167, 169, 183 u 184 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Kontra l-imsemmi Patrick Mangion wahdu:

Talli fil-15 ta' Settembru 2000 gewwa Santa Venera, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh ta' Lm250 bi hsara ta' Carmelo Borg minn B'Kara. U dan bi ksur ta' l-artikoli 308, 309 u 310 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'hekk sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

B'hekk ukoll kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati tas-27 ta' Marzu 1999, u tal-15 ta' Lulju 1998;

B'hekk ukoll kiser il-kundizzjonijiet ta' probation ghat-termini ta' l-artikolu 9 tal-Kap 152 imposti fuqu b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati fl-10 ta' Marzu 2000 u fl-24 ta' Lulju 2000;

Kontra l-imsemmi Eleno Bezzina wahdu:

Talli fis-16 ta' Settembru 2000 gewwa Santa Venera bil-hsieb li jaghmel delitt, b'mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ittanta jaghmel qliegh ta' Lm475 bi hsara ta' Carmelo Borg

minn B'Kara, wera dan il-hsieb b'atti esterni li taw bidu ghall-esekuzzjoni tad-delitt u dan billi pprova jsarraf biljett tal-Lottu Pubbliku ffalsifikat fil-banka tal-lottu, liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta` tieghu. Dan bi ksur ta' l-artikolu 41(1)(a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess cirkostanzi rrenda ruhu komplici fid-delitt ma' Patrick Mangion billi ta ordni, gieghel jew ta struzzjonijiet biex isir dan id-delitt. Dan bi ksur ta' l-artikolu 42 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

B'hekk sar recidiv ghat-termini ta' l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie kkundannat b'diversi sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati;

B'hekk ukoll kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi, Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq sentenza mill-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Gunju 1999;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali moghtija fis-16 ta' Jannar 2004 li permezz taghha l-imsemmi Patrick Mangion gie misjub hati talli xjentement ghamel uzu minn dokument (biljett) iffalsifikat skond l-artikolu 169 tal-Kap 9, ta' frodi skond l-artikoli 308 u 310 tal-Kap 9 u li sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9 u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn u nofs, filwaqt li l-imsemmi Eleno Bezzina gie misjub hati talli wkoll xjentement ghamel uzu minn biljett tal-lottu ffalsifikat skond l-artikolu 169 tal-Kap 9, ta' tentattiv ta' frodi skond l-artikoli 41 u 308 tal-Kap 9 u li sar recidiv skond l-artikoli 49 u 50 tal-Kap 9, u kkundannatu ghal piena karcerarja ta' sentejn;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Eleno Bezzina pprezentat fit-22 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermahaa fejn sabitu mhux hati ta' l-imputazzjoni prospettata fl-artikolu 42 tal-Kap 9 u li ma kisirx s-sentenza sospiza, izda tilliberah mill-imputazzjonijiet l-ohra li taghhom instab hati, u f'kaz li din il-Qorti ssib il-htija tirriforma l-piena ghal wahda aktar ekwa u gusta;

Rat ir-rikors ta' appell ta' Patrick Mangion pprezentat fit-23 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi thassarha fil-parti tal-piena billi tigi imposta piena aktar gusta u ekwa ghac-cirkostanzi, u tikkonfermaha fil-bqija;

Rat l-atti l-ohra kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkunsidrat:

Din il-Qorti se tittratta l-ewwelnett l-aggravju preliminari ta' l-appellant Eleno Bezzina fis-sens li huwa gie kkundannat "sentejn habs" meta l-piena ta' "habs" ma tezistix fil-ligi taghna. Kif korrettement josserva dan l-appellant, l-artikolu 7 tal-Kodici Kriminali li jistabilixxi l-pieni li jistghu jinghataw ghar-reati mkien ma jirreferi ghall-piena ta' "habs" izda jirreferi ghall-piena ta' "prigunerija" fil-kaz ta' delitti u ghall-piena ta' "detenzjoni" fil-kaz ta' kontravvenzjonijiet. "Habs" huwa l-bini fejn sija min jehel piena ta' prigunerija sija min jehel piena ta' detenzjoni huwa mizmum biex iservi s-sentenza tieghu. Riferenza ghal "habs" ma tkunx qed taghmel distinzjoni bejn piena u ohra.

Issa l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jipprovdi:

**"Il-qorti, meta taghti s-sentenza kontra l-imputat, ghandha tghid il-fatti li taghhom dan ikun gie misjub hati, taghti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodici jew ta' kull ligi ohra li tkun tikkontempla r-reat".**

Kif dejjem gie ritenut, in-nuqqas ta' osservanza ta' dak li hemm provdut f'dan l-artikolu jammonta ghal nuqqas ta' formalita` sostanzjali. In-nuqqas ta' l-ewwel Qorti li tinfliggi piena stabbilita mil-ligi ghalhekk jammonta ghal tali nuqqas u, ghalkemm l-appellant l-iehor Patrick Mangion ma qajjimx dan l-aggravju fir-rikors ta' appell tieghu, dan in-nuqqas huwa sollevabbli mill-Qorti *ex officio*. Ghalhekk b'applikazzjoni ta' l-artikolu 428(3) tal-Kodici Kriminali din

il-Qorti qieghda thassar is-sentenza appellata u ser tghaddi biex tiddeciedi l-kawza fuq il-mertu mill-gdid.

Fil-kaz in ezami l-fatti kienu brevement is-segwenti: Fil-15 ta' Settembru 2000 l-appellant Patrick Mangion mar fil-banka tal-lottu ta' certu Carmelo Borg li jinsab 5 Triq il-Fanali, Santa Venera, u, wara li qabez xi nies, ipprezenta biljett tal-lottu biex isarrafhulu. Carmelo Borg sarrafhulu u ghaddielu s-somma ta' Lm250 u, fuq talba ta' l-istess appellant, hariglu biljett iehor bl-istess numri ghall-gimgha ta' wara. Carmelo Borg xehed li wara hin qasir hafna gieh suspett mill-appellant Mangion peress li meta tah il-flus rah b'certa tensjoni fuqu, iccekkja il-biljett fuq il-*computer* u sab li l-biljett ma kienx tajjeb. Telaq jigri jfittxu izda ma sabu mkien u sussegwentement irrapporta l-incident lill-Pulizija. L-ghada mar fil-banka tal-lottu l-appellant Eleno Bezzina li pprezentalu biljett iehor tal-lottu. Carmelo Borg xehed li l-biljett li kellu l-appellant Bezzina kien imcappas qisu b'xi tyre u daqsxejn imqatta' u Bezzina talbu jiccekkja l-biljett u qallu li kien sabu ma' tyre ta' karrozza. Borg kompla jixhed li lil Bezzina qallu li t-tliet numri f'dak il-biljett kienu telghu izda li l-biljett kien imbaghbas. Saqsa lil Bezzina x'ser jaghmlu u dan qallu biex jarmieh ghax mhux ser jiccappas mal-pulizija. Borg qal li quddiemu remieh izda mbaghad rega' gabar il-biljett u ghaddieh lill-Pulizija. Kieku ssarraf, dan il-biljett kien irendi Lm475.

Ghalkemm ma ngabet l-ebda prova li twassal ghal min seta' ffalsifika l-biljetti in kwistjoni, m'hemm l-ebda dubju li dawn il-biljetti huma fil-fatt iffalsifikati. Kif jirrizulta mir-rapport ta' l-espert tekniku Martin Bajada (Dok. MB a fol. 80 et seq.), iz-zewg biljetti (Dok. JC u Dok. JC1) kienu ghal-loghob tal-lottu tas-Sibt 16 ta' Settembru 2000 izda gew modifikati biex id-data taqra d-9 ta' Settembru 2000, filwaqt li wiehed minnhom (Dok. JC1) kellu wkoll in-numru ta' isfel fuq in-naha tax-xellug modifikat.

Fl-*istatement* tieghu lill-Pulizija (Dok. PM a fol. 31 u 31A) l-appellant Patrick Mangion ammetta li kien mar isarraf biljett tal-lottu ghand Carmelo Borg. Qal ukoll li dan il-biljett kien ghaddihulu l-appellant l-iehor Eleno Bezzina li kien talbu biex isarraflu l-biljett in kwistjoni u tal-bicca

xoghol itieh Lm20. Hadu l-banka tal-lottu bil-karrozza l-istess Bezzina. Fil-fatt l-appellant Mangion qal fl-*istatement* tieghu li wara li nghata l-flus ghall-biljett huwa ghadda l-flus lill-appellant Bezzina li tah l-Lm20 li kien weghdu. Qal ukoll li ma kienx jaf li l-biljett kien falz.

Mill-banda l-ohra l-appellant Eleno Bezzina fl-*istatement* tieghu lill-Pulizija (Dok. EB a fol. 32 u 33) qal li qatt ma ha lil Patrick Mangion imkien, li lil Carmelo Borg jafu, li qatt ma sarraf biljett ghandu l-anqas jekk jirbah, li m'ghandux idea jekk qattx sab xi biljett barra, u li l-biljett imqatta' li gie muri mill-Pulizija qatt ma kien ghandu.

L-involviment ta' l-appellant Patrick Mangion fil-kaz huwa evidenti kemm mix-xiehda ta' Carmelo Borg kif ukoll minn dak li Mangion stess stqarr lill-Pulizija u li ma gie bl-ebda mod kontradett. L-unika osservazzjoni li din il-Qorti trid taghmel hi rigward id-dikjarazzjoni tieghu li ma kienx jaf li l-biljett kien falz. F'dan ma jistax jitwemmen. Difatti ma jaghmilx sens li persuna tintalab biex issarraf biljett tal-lottu minn persuna ohra li toqghod twassalha fil-post u ma tinzilx mill-karrozza hi biex issarrfu jekk ma kien hemm xejn hazin fil-biljett. Kieku Mangion ma kienx jaf li l-biljett kien iffalsifikat, kien sahansitra joffri li jhallas l-flus lura lil Borg? Ma tistax din il-Qorti ma tosservax ukoll li sahansitra fir-rikors ta' appell tieghu l-appellant Mangion jappella biss mill-piena u mhux mill-htija li giet dikjarata mill-ewwel Qorti.

Fil-konfront ta' l-appellant Eleno Bezzina irid jigi osservat qabel xejn li l-artikolu 661 tal-Kodici Kriminali jiddisponi:

**"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha, u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra".**

Konsegwentement, dak li l-appellant Mangion qal fl-*istatement* tieghu dwar l-appellant Bezzina ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju fil-konfront ta' l-istess Bezzina.

L-appellant Bezzina jghid li minn analizi tal-provi ghandu jirrizulta li l-azzjonijiet tieghu ma kinux konformi ma'

persuna li kienet ghadha kemm ghamlet reat serju bhal ma hu falisifikazzjoni u frodi. Huwa dahal bil-biljett go banka tal-lottu u pprezentah. Staqsa, ghaliex hu wkoll kellu dubju dwar il-validita` tal-biljett, lil Borg dwar l-awtenticita` tal-biljett. Meta Borg nfurmah li l-biljett mhux validu l-appellant halla l-biljett falsifikat f'idejn Borg. Wiehed jistaqsi li jekk wiehed kien ghadu kemm ghamel falsifikazzjoni ta' biljett tal-lottu billi aggusta xi numri fuqha u mar bil-biljettt li hu kien ghad kemm ghamel falsifikazzjoni biex isarrfu, kien ihalli l-aqwa prova f'idejn persuna li l-probabilita` l-kbira kien ser jikkonsenjah lill-pulizija? L-azzjonjiet ta' l-appellant kienu ta' persuna li kien qed jikkommetti reat? Dan barra l-fatt li waqt l-interrogazzjoni tal-pulizija l-appellant ta l-verzjoni tieghu.

Din il-Qorti ma tistax tikkondividi s-sottomissjonijiet ta' l-appellant Eleno Bezzina. Carmelo Borg m'ghandux ghaliex ma jitwemminx. L-appellant Bezzina gie muri l-biljett li hu stess kien mar bih ghand Borg biex isarraf u cahad li qatt kien ghandu - il-biljett li Carmelo Borg ikkonsenja lill-Pulizija. Qal li kieku jirbah ma jmurx isarraf ghand Borg ghax isiru jafu tal-familja kollha - izda kien ghand Borg li mar jipprova jsarraf l-biljett in kwistjoni. Qal li m'ghandux idea li qatt sab biljett barra - izda Borg xehed, u anke rrapporta hekk lill-Pulizija, li Bezzina kien qallu li sab il-biljett hdejn karrozza. L-agir ta' l-appellant Bezzina meta mar jipprova jsarraf il-biljett, izda bla success, kienet kollha messa in xena.

F'dawn ic-cirkostanzi, filwaqt li ma jirrizultax min ghamel il-falsifikazzjoni fuq il-biljetti tal-lottu in kwistjoni u ghalhekk ma tirrizultax l-imputazzjoni dedotta kontra taghhom ghal ksur tal-provvedimenti ta' l-artikolu 167 tal-Kodici Kriminali, tirrizulta l-imputazzjoni li l-appellanti xjentement ghamlu uzu mill-istess biljetti falsifikati.

Fir-rigward ta' l-appellant Patrick Mangion tirrizulta wkoll l-akkuza li kkommetta frodi b'ghemil qarrieqi u li sar recidiv in vista tas-sentenzi esebiti u moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru 1997 (Dok. PM a fol. 96) u tal-15 ta' Lulju 1998 (Dok. PM1 a fol. 99). Dwar l-imputazzjoni li kiser il-provvedimenti dwar sentenzi sospizi

in vista ta' sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-27 ta' Marzu 1999 u tal-15 ta' Lulju 1998, jirrizulta li ma giet esebita l-ebda sentenza tas-27 ta' Marzu 1999 u in kwantu dik tal-15 ta' Lulju 1998 jirrizulta li l-perijodu operattiv kien ta' sentejn mid-data tas-sentenza u dan ifisser li tali perijodu kien diga` ghadda meta gew kommessi r-reati hawn in dizamina. Fir-rigward ta' l-imputazzjoni li kiser il-kondizzjonijiet ta' *probation* moghtija b'zewg sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-10 ta' Marzu 2000 u ta' l-24 ta' Lulju 2000, jirrizulta li s-sentenza esebita ta' l-10 ta' Marzu 2000 (Dok. PM2 a fol. 102) ma tindikax kemm kien twil il-perijodu ta' *probation* u tirreferi ghall-ordni ta' *probation* anness ma' l-istess sentenza izda li ma giex esebit, filwaqt li sentenza datata 24 ta' Lulju 2000 ma gietx esebita izda giet esebita sentenza datata 24 ta' Lulju 2002 (Dok. PM3 a fol. 108) li titkellem dwar liberazzjoni kondizzjonali.

Fir-rigward ta' l-appellant Eleno Bezzina tirrizulta wkoll l-imputazzjoni ta' tentattiv ta' frodi b'ghemil qarrieqi u li sar recidiv in vista tas-sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-24 ta' Marzu 1995 (Dok. EB a fol. 110) u tal-25 ta' Marzu 1998 (Dok. EB1 a fol. 114). L-imputazzjoni li rrenda ruhu komplici ma' Patrick Mangion fit-twettiq tad-delitt ma tirrizultax. Fir-rigward ta' l-imputazzjoni li kiser il-provvedimenti dwar sentenza sospiza moghtija b'sentenza tal-Qorti ta' l-Appell ta' l-24 ta' Gunju 1999, ma giet esebita l-ebda sentenza b'dik id-data.

Kwantu jirrigwarda l-piena l-appellant Patrick Mangion jissottometti li huwa kien mifni bil-problema ta' l-abbuz tad-droga u recentement kien ghaddej fi programm residenzjali f'Sant'Anna Bahar ic-Caghaq mal-CARITAS. Quddiem din il-Qorti pero` xehed Joe Gatt in rapprezentanza tal-CARITAS li kkonferma li l-appellant Mangion kien qieghed jattendi Dar Sant'Anna f'Bahar ic-Caghaq izda li fil-11 ta' Frar ta' din is-sena gie sospiz peress li wara li kien inghata permess johrog biex jaghmel xi qadjiet, naqas li jaghmel l-aktar qadjiet importanti u meta rritorna talab li johrog gurnata ohra. Billi kienu ilhom jahdmu mieghu biex iqis x'inhuma l-iktar affarijiet importanti l-ewwel, gie sospiz biex jirrejalizza li meta fil-

hajja ma taghmilx l-affarijiet kif suppost tidhol fl-inkwiet. L-appellant Mangion xehed ukoll li qieghed johrog bil-prison leave biex jahdem ma' certu Victor Galea ta' l-irham (ara wkoll f'dan ir-rigward in-nota pprezentata fl-1 ta' Gunju 2004). L-appellant Eleno Bezzina ssottometta li meta jitqies l-ammont hawn involut il-piena li originalment giet inflitta mill-ewwel Qorti kienet wahda esagerata u ghandha tinghata piena aktar ekwa u gusta.

Din il-Qorti rriflettiet fit-tul fuq is-sottomissjonijiet ta' l-appellanti dwar il-piena. Minn banda hija tapprezza l-isforzi li qieghed jaghmel l-appellant Patrick Mangion biex ibiddel hajtu u tapprezza wkoll li l-ammonti involuti - kemm dik li akkwista l-appellant Mangion a detriment ta' Carmelo Borg kif ukoll dik li ttenta jakkwista l-appellant Bezzina - mhumiex ammonti kbar. Mill-banda l-ohra l-fedina penali rispettiva taz-zewg appellanti hi altru milli ezemplari u t-tnejn li huma nghataw diversi opportunitajiet biex jirriformaw ruhhom minghajr success. Inoltre ma jirrizultax li sallum Carmelo Borg gie rizarcit. Parti mill-process ta' riforma hu li min ikun ikkommetta reat irid ikun lest jiffaccja l-konsegwenzi ta' l-ghemil tieghu. Ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tinghata piena karcerarja lil kull wiehed mill-appellanti li tkun adegwata ghac-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz u c-cirkostanzi partikolari ghal kull wiehed miz-zewg appellanti.

Ghal dawn il-motivi:-

Tiddeciedi billi tannulla u thassar is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-konfront ta' l-appellanti Patrick Mangion u Eleno Bezzina fis-16 ta' Jannar 2004, issibhom hatja talli xjentement ghamlu uzu minn biljett tal-lottu falsifikat, lill-appellant Patrick Mangion issibu hati ukoll ta' frodi b'ghemil qarrieqi skond l-imputazzjoni fuq indikata kif ukoll li sar recidiv wara li gie kkundannat b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Dicembru 1997 u tal-15 ta' Lulju 1998, u lill-appellant Eleno Bezzina ssibu hati wkoll ta' tentattiv ta' frodi b'ghemil qarrieqi skond l-imputazzjoni fuq indikata kif ukoll li sar recidiv wara li gie kkundannat b'sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) ta' l-24 ta' Marzu 1995 u tal-25 ta' Marzu

1998, tilliberahom mill-imputazzjonijiet l-ohra dedotti u, wara li rat, fil-konfront ta' Patrick Mangion l-artikoli 17(b), 49, 50, 169, 308 u 310 tal-Kodici Kriminali u, fil-konfront ta' Eleno Bezzina l-artikoli 17(b), 49, 50, 169, 41(1)(a), 308 u 310 tal-Kodici Kriminali, tikkundanna lil kull wiehed mill-appellanti ghal piena ta' hmistax-il xahar prigunerija. Fir-rigward ta' l-appellant Patrick mangion tirrakkommanda lid-Direttur tal-Facilita` Korrettiva biex, kemm-il darba dan ikun possibbli, jassisti lill-istess Patrick Mangion biex jerga' jinserixxi ruhu fi programm residenzjali minhabba l-problema ta' l-abbuz tad-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------